TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 230/13-F

**Kasey Condorato**

**vs**

**Jewel Box**

Illum 21 ta' Jannar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tmenin ewro (€80), rappreżentanti prezz ta' ċurkett illi wara li nxtara innutat li kellu għafsa fuqu u għalhekk ma riditux.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat ċurkett għall-prezz ta' tmenin ewro (€80), u meta marret id-dar, indunat illi dan iċ-ċurkett kellu daqqa fuqu. Illi minkejja li talbet il-flus lura, l-intimat m'aċċettax.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jikkonsidra li l-verżjoni tar-rikorrenti hija aċċettabbli u kif ukoll jinnota illi t-talba mhix kontestata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' tmenin ewro (€80), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat, u b'dan illi ċ-ċurkett jiġi propjeta' tal-intimat wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888